MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

[Nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

54.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier is-sur Wayne Hewitt bagħat messaġġ filgħodu biex jgħid illi mhux se jkun jista jattendi minħabba raġunijiet personali ma' membru tal-familja. Is-sur Hewitt ġie skużat milli jattendi mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.2.1 Ġie approvat illi hawker tal-ikel u xorb jibda jopera mis-7am sa nofs il-lejl max-Xatt [ref punt 53.2.1] izda li għandu jħalli l-parking vojt għar-residenti wara. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk dan il-persuna, fix-Xitwa, jieqaf qabel nofs il-lejl, għandna dritt nirranġaw it-tabella b'ħinijiet ġodda.

54.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kien bagħat il-kuntratt man-Nursery qabel il-laqgħa [ref punt 53.2.2]. Qal illi l-Kunsill ma jistax jiġġedded il-Kuntratt peress illi skada sentejn ilu.

54.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit għandu japplika għad-Development Permit għal triq Manoel de Vilhena [ref punt 53.2.5]. Is-Sindku qal illi hemm bzonn sub-base ġdida mill-Knisja sax-Xatt. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem ma perit illi hu lecturer l-universita fuq l-idea tal-proġett ta' Pjazza Meme Scicluna u qal illi kien għamel studju fuq underground parkings ġol-lokalita u qal illi l-uniku post fejn tista ssir huwa taħt l-iskola Primarja.

54.2.4 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi l-kuntrattur ta' triq Reggie Miller għalaq it-triq matul il-ġimgħa biex idaħħal il-makkinarji ġewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat id-deċiżjoni [ref punt 53.3.1] lil TM u lill-kuntrattur u TM qalu li se jibagħtu xi ħadd biex jaraw kif jista jaħdem.

54.2.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn illi ssir ftehim mall-Barruni [ref punt 53.6.5] qabel ma jibdew bil-proġett tal-Marina.

Is-Sindku qal illi l-Perit għandu jibgħat sketch għall-bankina tax-Xatt [ref punt 51.3.8].

## 54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

54.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Cleansing Department mhux se jkomplu bis-servizz wara l-aħħar ta' Jannar [Str. Cleaning] u peress illi niftħu l-kaxxa tat-tenders fit-12 ta' Frar hemm bzonn illi nibagħtu Direct Order urġenti għal servizz għal xahar. Qal illi bagħat talba għall-istima lil tlett kumpaniji. Is-Sindku qal illi aħjar nirċievu iżjed stimi qabel ma nieħdu deċiżjoni. Il-Viċi Sindku ssekondjah. Il-Kunsill se juża s-servizz tal-irħas bidder.

54.3.2 Ġie ppreżentat email minn Care Malta 'Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care' fejn wieħed jista jinnomina persuna, NGO, eċċ. Il-kunsillier Joe Galea ġie nkarigat biex jieħu ħsieb.

54.3.3 Is-Sindku ma approvax illi ssir double yellow line barra nos 97 triq Luqa Briffa biex ikun jista jidħol u joħroġ komdu bill-makkinarju għas-sit ta' kostruzzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondjah.

54.3.4 Cherubino Lt.d għamlu talba biex ineħħu 2 postijiet ta' parkeġġ f'triq Empire Stadium peress illi qed isibu diffikultajiet biex jidħlu u joħorġu fil-warehouse. Ġie deċiż illi ssir laqgħa magħhom fuq il-post biex jispjegaw il-problema.

54.3.5 Is-Sindku approva talba biex grupp ta' zifiena jużaw is-sala biex jipprattikaw. Il-Viċi Sindku ssekondjah. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel irid jara jekk insibu ġurnata u ħin tajjeb għalihom, skond l-*availablity* tal-Kunsill.

54.3.6 Melita plc għamlu talba biex l-equipment li għandom f'triq William Reid c/w Rue D'Argens, jiġu trasferiti fejn il-bus stop 'Vilhena' ġewwa triq Manoel de Vilhena. Is-Sindku qal illi huwa qegħdin jirreferu għall-propjeta ta' Gasan u mhux tal-Kunsill.

54.3.7 Transport Malta bagħtu Invoice ta' €270 ewro għax-xogħol li għamlu biex jerġgħu jsiru l-Un/Loading bays ġewwa triq Ponsomby u triq Stuart f'Mejju ta' 2017. Is-Sindku qal illi l-ewwel irid provi li huma kien bagħtu talba lill-Kunsill għal No Objection u r-risposta tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi rċevejna l-ittra mingħandhom wara li kien diġà għamlu x-xogħol għat-tieni darba.

## 54.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

54.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa x'jista jsir biex intejbu l-infurzar fuq iz-zibel. Is-Sindku qal illi għandna nibagħtu lill-Onor. Silvio Parnis. Issuġerixxa wkoll illi nibagħtu pulizija mill-lokalita, bl-uniformi, biex ikellem lin-nies, dan dejjem jekk jista jagħmel dax-xogħol bl-uniformi.

## 54.5 Rapporti

54.5.1 Bank Guarantees: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-talbiet, u ritratti, biex jiġu rilaxxati ammont ta'garanziji fuq il-bankini:

Triq Bouverie: hemm bzonn xogħol ta' tiswija.
54.5.2 360 Rue D'Argens: hemm bzonn xogħol ta' tiswija fejn ħadmu tal-WSC.
Triq Belvedere: Approvaw ir-rilaxx tal-garanzija
72 Reid u 82 Reid: Approvaw ir-rilaxx tal-garanziji
116 Carlo Manche: Approvaw il-rilaxx tal-garanzija
Ponsonby: Approvaw ir-rilaxx tal-garanziji barra żewġ indirizzi.

54.5.3 Bye-law: Kostruzzjoni

**Il-kunsilliera Graziella Attard Previ talbet li tkun skużata. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw it-talba u telqet fit-7.40pm**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara d-dokument tal-avukat u ġie nnotat li kien hemm ftit punti neqsin u li hemm bzonn ftit kjarrifiki mall-avukat. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-kunsilliera jagħtu l-input tagħhom matul il-ġimgħa ħalli ssir laqgħa mal-avukata fil-ġimgħa tad-29 ta' Jannar 2018.

**Il-Viċi Sindku talab illi jkun skużat fit-8.15pm. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw it-talba u telaq fit-8.15pm. Qabel ma telaq Il-Viċi Sindku qal illi jixtieq jgħid xi affarijiet li huma 'items oħra tal-Kunsill'. Is-Sindku approva li jiġu diskussi dawn.**

54.5.4 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn nagħmlu diversion routes via triq il-Madonna tal-Ġebla u triq Luqa Briffa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kollox kien on-hold minħabba l-proġett ta' Kappara u fakkar illi konna anka bagħtna suġġeriment biex triq il-Madonna tal-Ġebla ssir one-way izda kollox kien on-hold. Dawk id-diversion routes issa għandom isiru.

54.5.5 Il-Viċi Sindku talab illi jsir Junction Box f'Sliema Road c/w triq Luqa Briffa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibgħat applikazzjoni lil TM.

Il-Viċi Sindku telaq fit-8.20pm

54.5.6 Baġit

Is-Segretarju Eżekuttiv ta informazzjoni tal-baġit u breakdown tal-affarijiet izda żied ilil għad hemm xi affarijiet illi għandom jiġu ċċarati u se jibgħat id-dokument lill-kunsilliera kollha. Talab illi jagħtu l-ideat tagħhom fuq attivitajiet ħalli jkunu fil-baġit ukoll.

54.5.7 Loan tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għad baqa €8383.67 fuq il-loan tal-fittings tal-Kunsill u €17,777.82 fuq il-loan tal-premises. Staqsa jekk il-Kunsill jaqbel illi nħallsu l-ammont in-full biex naqtaw il-loan u niffrankaw l-ispejjez fuq l-interessi. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li huwa possibbli li jsir minn naħa tal-Bank.

54.5.8 **Is-Segretarju Eżekuttiv avża li għaddew tlett sigħat u li hemm bzonn qbil illi l-laqgħa titkompla. Il-kunsilliera preżenti qablu.**

54.5.9 Jum il-Gżira

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn nibdew nippjanaw għal Jum il-Gżira 2018. Qal illi għal Premju Onor. hemm bzonn Bord u se jaħdem fuq il-mod kif għandna naħdmu. Fakkar illi skond ir-regolamenti l-Kunsill jista jonfoq €3500 max. Qal illi sal-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandom jagħtu s-suġġerimenti tagħhom bħala attivitajiet.

## 54.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

54.6.1 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm bzonn bankijiet ġodda max-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi konna bagħtna talba lil Ministru. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nixtruhom bħala Kunsill

54.6.2 Il-Kunsillier Neville Chetcuti talab illi jkun skużat peress illi kellu fejn imur. B'hekk il-laqgħa ntemmet peress illi ma kienx hemm quorum/

## 54.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

54.7.1 Ma kienx hemm quorum biex jiġu diskussi l-Performance Appraisals jew l-iskeda ta' pagamenti.

## 54.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.o0pm u ġiet aġġornata għal-13 ta' Frar 2018 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 13 ta' Frar 2018.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv